**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 332/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Ronald MUSCAT**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2018 fil-konfront ta' **Ronald MUSCAT** ta' 58 sena, bin il-mejjet Edward u l-mejta Ludgarda nee` Bartolo, imwieled Valletta fid-9 ta' Diċembru 1956 u joqgħod 4, Triq il-Madonna tal-Għar, Mellieħa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 803556(M) li ġie mixli talli:

   F'Ottubru 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(i) B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' George Fenech, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 812651(M) u Melita plc, ai termini tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn dokument falz, ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lill-imputat (illum l-appellat) Ronald MUSCAT ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u b'hekk illiberatu minnhom.

Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti, liema talba saret fiċ-*charge sheet* u dana stante li l-

imputat Ronald Muscat ġie liberat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "***tirriforma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati billi***:

   *i.* ***tikkonferma*** *dik il-parti tas-sentenza in kwantu l-imputat quo appellat ġie lliberat mill-ewwel imputazzjoni;*

   *ii.* ***tirrevoka u tħassar*** *dik il-parti tas-sentenza in kwantu l-imputat quo appellat ġie lliberat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti fejn il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-appellat jiġi ordnat iħallas l-ispejjez relatati mal-ħatra tal-esperti;*

   *iii.* ***issib lill-imputat qua appellat ħati in kwantu t-tieni w tielet imputazzjoni*** *dedotti fil-konfront tiegħu, tinfliġġi l-piena skond il-liġi u tagħmel kull ordni odjerna fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti.*"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi d-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell odjern fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-29 ta' Ottubru 2018.

5. Illi dan l-appell ġie assenjat lill-Imħallef sedenti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti nhar is-6 ta' Novembru 2023, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u tal-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

6. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar l-1 ta' Frar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jistrieħu fuq it-

trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, u illi għalhekk din il-Qorti, kif preseduta, setgħet tgħaddi għas-sentenza.

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-2 ta' Ottubru 2013, irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi ċertu George Fenech, li qal illi huwa s-sid ta' *penthouse* bl-isem Siam, ġewwa 103, Triq San Pawl il-Baħar, San Pawl il-Baħar u illi matul id-disa' snin ta' qabel, huwa kien jikri dan il-fond lil ċertu Ronald MUSCAT. Fenech allega illi MUSCAT iffalsifika l-firma tiegħu fuq kuntratt għall-għoti ta' servizzi mis-soċjeta` Melita plc, liema kuntratt kien datat l-4 ta' Novembru 2010. Skont Fenech, kienu ntbagħtu lilu kontijiet pendenti mal-imsemmija soċjeta`, liema kontijiet MUSCAT baqa' ma ħallashomx. Għalhekk Fenech talab lill-Pulizija sabiex tinvestiga dan ir-rapport, u jekk ikun il-każ, tipproċedi kontra MUSCAT skont il-liġi.

8. Jirriżulta wkoll illi minn hemmhekk, il-Pulizija komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom, u bagħtu għall-appellat odjern, li rrilaxxja stqarrija dwar dan il-każ nhar is-26 ta' Awwissu 2014[1], u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali skont il-liġi kif viġenti fiż-żmien in kwistjoni, liema dritt huwa rrifjuta illi jeżerċitah[2].

9. Illi sussegwentement, nhar l-4 ta' Marzu 2015, bdew il-proċeduri fil-konfront tal-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kif ingħad, ingħatat sentenza nhar il-5 ta' Lulju 2018, li permezz tagħha l-istess appellat ma nstabx ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu, u ġie lliberat minnhom.

10. Illi l-gravam sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Ġenerali jittratta l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati

[1] Din tinsab esebita bħala Dok. RM, a fol. 14 *et seq* tal-proċess.
[2] Ara d-dikjarazzjoni tal-appellat, Dok. RM 1, a fol. 16 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi, a fol. 11 *et seq* tal-proċess u ta' George Fenech, a fol. 19 *et seq* tal-proċess u r-rapport tal-Pulizija, Dok. JT1, a fol. 41 *et seq* tal-proċess.

(Malta) u dan in kwantu l-appellat ġie lliberat mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

11. Illi in suċċint, l-Avukat Ġenerali jsostni illi mill-provi prodotti jirriżulta ċar illi l-appellat kien anke stqarr illi kien lest li jobbliga ruħu li eventwalment iħallas il-kont pendenti mas-soċjeta` Melita plc. Isostni wkoll l-Avukat Ġenerali illi la darba jirriżulta illi kien l-appellat stess li applika għas-servizzi tas-soċjeta` Melita plc, dan ifisser illi kien huwa li kien f'posizzjoni li jiffirma fuq l-applikazzjonijiet relattivi. In oltre l-Avukat Ġenerali jisħaq illi għandha tingħata iżjed piż probatorju l-istqarrija tal-appellat tas-26 ta' Awwissu 2014, li allura ngħatat f'data li kienet ferm iżjed viċin tal-fatti allegati mid-data li fiha xehed quddiem l-ewwel Qorti, meqjus ukoll illi l-verżjoni tal-appellat inbidlet ferm wara t-trapass sostanzjali taż-żmien. Fir-rigward, l-Avukat Ġenerali jinnota illi meta mistoqsi fir-rigward tal-firem foloz ta' Fenech, l-appellat wieġeb li ma jafx jekk kienx għamilhom hu jew inkella l-ħaddiem tas-soċjeta' Melita plc li nstallalu s-servizz, filwaqt illi matul il-proċeduri, huwa xehed illi ma kienx jaf min seta' ffirma. Skont l-Avukat Ġenerali la darba mill-provi jirriżulta ċar illi l-firem ta' George Fenech fuq id-dokumenti in kwistjoni kienu foloz, u la darba kien l-appellat biss f'posizzjoni li jiffirma dawn id-dokumenti waqt il-proċess ta' applikazzjoni għas-servizzi in kwistjoni, jirriżulta ppruvat illi l-istess appellat għamel użu mis-servizzi billi xjentement għamel użu minn dokument falz.

12. Illi fir-rigward tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**</u> fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-

konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

13. Illi jibda biex jingħad illi mill-provi proċesswali jirriżulta illi l-appellat kien jirrisjedi fil-fond in kwistjoni bejn is-snin 2004 u 2012[4], kif jirriżulta wkoll, mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tas-soċjeta` Melita plc, Emily Abela, illi f'dan il-perjodu, ossia bejn is-snin 2009 u 2012, l-istess soċjeta` provdiet servizzi ta' *internet*, *fixed telephony* u *mobile* fl-istess fond u dan tramite żewġ kontijiet, wieħed bin-numru 927987 u ieħor 564763.[5] Jirriżulta wkoll kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva fis-26 ta' Awwissu 2014, li fir-rigward id-difiża talbet lill-ewwel Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u dan minkejja illi fiż-żmien in kwistjoni, l-appellat ma kellux il-jedd għall-assistenza legali waqt it-teħid tal-istess stqarrija[6], kif ukoll mix-xhieda tiegħu matul il-proċeduri[7], illi l-istess appellat kien applika għas-servizzi tal-imsemmija soċjeta` waqt illi kien jirrisjedi fl-istess fond. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jgħid illi kien applika għall-*internet* u għal-linja tat-telefon. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, huwa wkoll jixhed illi kellu kuntratt ta' sena mal-imsemmija soċjeta` għall-*internet* u kellu wkoll is-servizz tat-telefon u tat-*television* tramite *package* illi kien ġie offrut lilu, b'dan illi skont hu, huwa dam jirċieva dan is-servizz biss għall-perjodu ta' xahrejn, u dan għaliex ikkanċella s-servizz wara li s-soċjeta` qatgħetlu l-*internet* stante illi ma ħallasx fil-ħin. Jirriżulta in oltre mix-xhieda ta' George Fenech ossia sid il-fond mikri lill-appellat, illi huwa ma applikax għas-servizzi in kwistjoni f'dan il-fond, tant illi hekk kif fis-sena 2013

---

[3] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara l-istqarrija tal-appellat, a fol. 14 u 15 tal-proċess.

[5] Ara a fol. 45 tal-proċess.

[6] Ara l-verbal fis-seduta miżmuma quddiem l-ewwel Qorti fl-14 ta' Frar 2018.

[7] Ara din ix-xhieda a fol. 150 *et seq* tal-proċess.

irċieva kontijiet pendenti mis-soċjeta` Melita plc fir-rigward ta' tali servizzi, huwa mar jagħmel il-verifiki tiegħu mal-istess soċjeta`, u nduna illi kienu ġew iffirmati dokumenti għas-servizzi in kwistjoni f'ismu, meta huwa qatt ma kien iffirma għalihom jew ottjena dawn is-servizzi.[8] Kien proprju dan li wasslu sabiex jagħmel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva fil-konfront tal-appellat. Il-fatt illi l-kaligrafija u l-firem fuq id-dokumenti esebiti mis-soċjeta` Melita plc għall-għoti tas-servizzi in kwistjoni ma kinux ta' George Fenech ġie kkonfermat mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia[9], maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala espert tal-kaligrafija sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn il-kaligrafija ta' George Fenech u dik fuq id-dokumenti esebiti mis-soċjeta` Melita plc[10]. Mill-istess relazzjoni fil-fatt jirriżulta illi minn eżamijiet komparattivi ġew identifikati diversi diskrepanzi u nuqqas ta' qbil fil-kors tal-kitba bejn il-kaligrafija u l-firem, allegatament ta' George Fenech, li jidhru miktubin fuq id-dokumenti tal-kumpanija "Melita" li jinsabu a fol. 48, 49, 50, 52, 53, 57, 59, 60 u 61 tal-proċess, u l-kampjuni tal-kaligrafija u tal-firem kif volontarjament rilaxxjati mill-istess George Fenech.

14. Illi din il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jistrieħ primarjament fuq dak li stqarr l-appellat fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva fis-26 ta' Awwissu 2014. F'din l-istqarrija, l-appellat jgħid illi huwa kien applika f'isem sid il-fond, George Fenech, u dan għaliex dak li mar jistalla l-apparat staqsih minn kien sid il-post, għal-liema huwa wieġeb illi kien George Fenech. Dan jgħidu wkoll fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti u dan fis-sens illi huwa jispjega illi kien ġie mistoqsi ta' min kien il-fond, huwa wieġeb li dan ma kienx tiegħu għaliex hu kien jikrih, u ta l-isem ta' George Fenech. Mill-istess stqarrija jirriżulta wkoll illi mistoqsi min kien għamel il-firem ta' George Fenech li kienu jidhru fuq l-applikazzjoni għas-servizz tal-Melita, huwa jwieġeb "*Ma nafx jekk ghamilthomx jien jew inkella l-haddiem tal-Melita Cable li gie ghandi jistalla l-apparat*"[11]. Jgħid ukoll illi kien hemm okkażjoni li fiha kien dieħel il-Belt, illi marret fuqu tfajla li taħdem mas-soċjeta` Melita u li din qaltlu li kellhom *special offer* u taha l-indirizz u illi xi jumejn wara marru għandu jistallaw l-apparat. Jgħid in oltre illi dan beda jimla d-dokumenti

[8] Ara x-xhieda ta' George Fenech in eżami, a fol. 19 *et seq* tal-proċess.
[9] Din tinsab esebita a fol. 73 *et seq* tal-proċess.
[10] Ara d-digriet a fol. 38 tal-proċess.
[11] A fol. 15 tal-proċess.

u fl-aħħar tah xi karta biex jiffirmaha wara li ħallsu. Fix-xhieda tiegħu matul il-proċeduri, huwa jgħid illi huwa ffirma xi karti ta' xi ħlas ta' €20 sabiex tiġi nstallata l-kaxxa tal-*internet* u illi għal dan iffirma b'ismu. Fl-istqarrija huwa jaqbel illi kellu kont pendenti ta' €469.17, jgħid illi kien bi ħsiebu jipprova jħallsu bil-mod, u illi ma ħallasx sa dakinhar għaliex kien spiċċa mingħajr xogħol. Madankollu, fiż-żmien illi kellu s-servizz, huwa kien iħallas normali. In oltre mistoqsi jekk kienx jaf li ma jistax jiffirma l-firma ta' terza persuna fuq applikazzjonijiet bħal dawn, huwa jgħid "*Jien ma kontx naf. Nghid li jien ma kellhiex intenzjoni li naghmel frodi jew xi haga hekk*".[12] Matul ix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, muri l-firem ta' George Fenech a fol. 60 u 61 tal-proċess, huwa jgħid illi m'għandux idea tagħhom u illi l-firma tiegħu m'għandhiex x'taqsam ma' dawn il-firem. Mistoqsi in kontro-eżami dwar min kien iffirma għall-karti tal-installazzjoni tas-servizz, huwa jgħid illi ma jafx min iffirmahom.

15. In kwantu d-dikjarazzjonijiet tal-appellat, din il-Qorti tqis illi huwa minnu illi l-verżjoni sussegwentement mogħtija minnu quddiem l-ewwel Qorti ma taqbilx għal kollox mal-verżjoni mogħtija minnu fl-istqarrija tiegħu, tant illi per eżempju, huwa jixhed illi huwa kellu biss kont pendenti ta' €30 mal-istess soċjeta` ta' xahrejn *internet* u illi "*attendejt li m'ghandix intihom dawk il-flejjes*"[13]. Il-Qorti tqis ukoll illi minkejja illi d-difiża tittenta ddaħħal dubju permezz tal-kontro-eżami tal-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Maurice Curmi, u tal-kontro-eżami ta' George Fenech, dwar jekk fil-fatt l-appellat kienx jgħix waħdu jew inkella kienx jgħix ħaddieħor f'xi żmien fl-istess fond apparti l-appellat, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-appellat ma jgħid xejn minn dan u fl-ebda stadju ma jixhed illi f'xi perjodu li matulu huwa kien jikri l-fond mingħand Fenech, kien hemm xi terza persuna fil-fond in kwistjoni.

16. Illi madankollu, wara li qieset is-suespost, tenut kont illi baqa' ma ġiex identifikat id-dokument jew id-dokumenti li l-appellat jgħid illi ffirma in konnessjoni mas-servizzi mogħtija lilu mis-soċjeta` Melita plc, jew jekk dawn kinux eżistenti, tenut kont in oltre illi ġie ppreżentat mhux dokument wieħed bil-firma falza ta' George Fenech, iżda varji dokumenti da parti tas-soċjeta` Melita plc, b'firem allegatament ta' George Fenech li jidhru

[12] Ara a fol. 15 tal-proċess.
[13] A fol. 160 tal-proċess.

differenti, u illi l-appellat imkien ma jgħid illi huwa kien iffirma proprju dawn id-dokumenti, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tasal għall-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, illi kien proprju l-appellat illi ffirma d-dokumenti esebiti in atti bl-isem ta' George Fenech. Bħall-ewwel Qorti qabilha, taqra kemm taqra l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat, din il-Qorti ma ssibx provi konkreti li jwassluha, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, sabiex tikkonkludi illi l-appellat ffalsifika l-firma ta' Fenech fuq id-dokumenti esebiti. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tressaq provi konklussivi sabiex turi illi kien proprju l-appellat illi ffirma dawn id-dokumenti, liema prova madankollu baqgħet ma tressqitx. Il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma talbet illi l-espert tal-kaligrafija maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jagħmel eżami komparattiv bejn il-kaligrafija u l-firem riżultanti fuq id-dokumenti esebiti minn Melita plc, u l-kaligrafija u l-firem tal-appellat. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni illi ma ssibx lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni.

17. Illi in kwantu t-tielet imputazzjoni li tikkontempla r-reat ravviżat fl-Artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, fin-nuqqas ta' prova fil-grad rikjest mil-liġi illi kien l-appellat li ffirma d-dokumenti in kwistjoni bl-isem ta' George Fenech, lanqas ma jista' jingħad illi l-istess appellat xjentement għamel użu minn dokumenti foloz. Għaldaqstant, anke hawn din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed mill-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti, b'dan għalhekk illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**